II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2469

**tat-8 ta' Diċembru 2015**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino li jistabbilixxi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115, flimkien mal-Artikolu 218(5) u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Mejju 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati mar-Repubblika ta' San Marino biex temenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino li jistabbilixxi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax ([1]) (il-"Ftehim"), sabiex jiġi allinjat mal-iżviluppi reċenti fil-livell globali fejn ġie miftiehem li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni jiġi promoss bħala standard internazzjonali.

(2) It-test tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim (il-"Protokoll Emendatorju"), li huwa r-riżultat tan-negozjati, jirrifletti b'mod xieraq id-direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill, billi jallinja l-Ftehim mal-aktar żviluppi reċenti fil-livell internazzjonali rigward l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni, jiġifieri mal-Istandard Globali għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji fi kwistjonijiet tat-taxxa żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). L-Unjoni, l-Istati Membri u r-Repubblika ta' San Marino ipparteċipaw b'mod attiv fil-ħidma tal-Forum Globali tal-OECD immirata lejn l-għoti ta' appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dan l-Istandard. It-test tal-Ftehim, kif emendat bil-Protokoll Emendatorju, huwa l-bażi legali għall-implimentazzjoni tal-Istandard Globali fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta' San Marino.

(3) Il-Protokoll Emendatorju għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni.

(4) Fid-dawl tal-orjentazzjonijiet espressi mill-Istati Membri u r-Repubblika ta' San Marino fil-qafas tal-Forum Globali tal-OECD, il-Protokoll Emendatorju għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2016, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ tiegħu,

([1]) ĠU L 381, 28.12.2004, p. 33. (Mhux disponibbli bil-Malti).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino li jistabbilixxi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll Emendatorju.

It-test tal-Protokoll Emendatorju huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll Emendatorju f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Soġġett għal reċiproċità, il-Protokoll Emendatorju għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2016, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu. ([1])

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jinnotifika lir-Repubblika ta' San Marino dwar l-intenzjoni tiegħu li japplika l-Protokoll Emendatorju b'mod proviżjorju, soġġett għar-reċiproċità, mill-1 ta' Jannar 2016.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. GRAMEGNA

([1]) Id-data li minnha l-Protokoll Emendatorju ser jiġi applikat fuq bażi proviżorja ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.